KUNSILL LOKALI ISLA

IL-ĦAMES KUNSILL

LAQGĦA NUMRU DSATAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 18
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport Konferenza Qualicities/Avec
(4) Adjudicating Tenders:
Bulky Refuse
Sweeping
Soft Areas & Parks & Gardens
(5) Riżoluzzjonijiet
(6) Rapport Awditur Ġenerali
(7) Imħażen tal-Maċina
(8) Jum l-Isla
(9) Xogħol fi Triq San Ġużepp
(10) Approvazzjoni u l-Iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

## 19 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew preżentati il-minuti tal-laqgħa nru 19. Dawn il-Minuti ġew meħuda bħala li nqraw billi tqassmu ġranet qabel il-laqgħa.

19 (1) 1 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekkondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-minuti nem com kif preżentati.

## 19 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif tal-ħidma li twettqet u il-laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

19 (2) 1 Applikazzjoni Ground tal-Football (15 ta' Frar 2006)

Is-Sindku Joseph Casha ħa sehem fl-laqgħa li saret mill-MEPA dwar id-diffikultajiet li tqajjmu għall-applikazzjoni li saret mill-Kunsill għal Synthetic Football Pitch fil-Ground tal-Ponta eżistenti.

L-oġġezzjonijiet li tqajjmu kienu ġejjin b'mod speċjali mir-Restoration Unit u Wirt Artna. Dawn argumentaw li billi hemm il-ħsieb li dan is-sit u is-swar tal-madwar sejjrin jiġu restawrati, l-installazzjoni ta' synthetic Pitch tkun qed tistona ma l-arkittetura u ma dik li sejjra tiġi restawrata.

Is-Sindku Joseph Casha oġġezzjona għal dan u fisser liċ-Chairperson il-Perit Melvina Camilleri li dan is-sit huwa devolut lill-Kunsill Lokali biex jintuża bħala Ground tal-Football.

Is-Sindku ġie mitlub biex jikteb ħalli il-każ jerġa' jinfetaħ mill-ġdid.

19 (2) 2 Terrace Houses (16 ta' Frar, 2006)

Is-Sindku Joseph Casha tkellem mal-Perit Camilleri, Direttur u Manutenzjoni tal-Gvern dwar ix-xogħol li baqa jsir. Il-Perit Camilleri stqarr li minħabba il-maltemp ma setgħux ikomplu bix-xogħol iżda wegħdu li minn nofs ix-xahar ta' Marzu, ix-xogħol jitkompla.

19 (2) 3 Grupp Gardjola (2 ta' Frar 2006)

Is-Sindku irrefera lill-Kunsill li għalkemm f'dan il-grupp hemm il-Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsillier Louis Henwood, dan il-grupp huwa autonomu u ma jiffurmax parti mill-Kumitati u is-Sottokumitati tal-Kunsill. Dan ġie ikkonfermat u iċċarat wara diskussjoni li saret bejn is-Sindku Joseph Casha u Lorry Sarsero, chairperson tal-grupp. Il-ħsieb huwa li biex dan il-grupp ikollu flessibilita'. Minn naħa tiegħu is-Sindku wiegħed l-għajnuna tal-Kunsill fil-ħidma li dan il-grupp jippjana u jwettaq dejjem sa fejn tippermettilu il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

19 (2) 4 Tree for you (3 4 U)

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fil-Kunsill ma rappreżentanti mill-Ministeru Urban u Ambjent dwar dan il-proġett li qed ivaraw.

Din l-inizjattiva hija maħsuba biex tħajjar ċittadini żgħażagħ u kbar biex iħawlu pjanti fil-ġonna tal-lokal f'okkażżjonijiet speċjali (per eżempju : Twelid, Żwieġ jew ċelebrazzjoni ta' attivitajiet.

L-għan ta' din l-inizjattiva hija li tqajjem sens ta' ambjent fil-lokal u fl-istess ħin dak li jkun joħloq kuxjenza pożittiva dwar l-ambjent. L-ispejjeż biex titwaħħal siġra tlaħħaq Lm6.00

Il-Kunsill bi ħsieb jaħdem fuq din l-inizjattiva.

19 (2) 5 Shelters fl-Isla (7 ta' Marzu 2006)

Saret laqgħa mas-sur Mario Farrugia mill-Fondazzjoni Wirt Artna. Il-Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsillier Louis Henwood flimkien mas-sur Farrugia niżlu fix-shelter ta' ħdejn l-iskola.

Is-Sur Farrugia ħeġġeġ lill-Kunsill biex jkompli jaħdem ħalli dawn ix-shelters jiġu rejabilitati għax fihom potenzjal kbir. Huwa wiegħed appoġġ u sejjer jara kif jista' jgħin. Sar qbil li is-sur Farrugia jerġa' jiġi biex flimkien mal-Kunsill jara kif jista' jinsab aċċess aktar komdu.

19 (2) 6 <u>Xibka fuq il-bejt tas-Sede Azzjoni Kattolika (04/0394/06 I)</u>

L-arċipriet Kan. Joe Grech talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jgħinu fir-refurbishment li hemm ippjanat li jsir f'dan il-post li qed isiru bħala mini football pitch.

Il-Kunsill jemmen li din hija proposta pożittiva għax jemmen li dan jkun mezz utli u tajjeb biex jiġbor iż-żgħażagħ flimkien u jbedhom mid-droga.

Għandhom isiru aktar diskussjonijiet.

## 19 (2) 7 Korrispondenza mibugħta u rċevuta bejn it-08.02.2006 u it-8.03.2006.

04/0346/06 I Proġett Qualicities

Il-Kunsill irċieva minn Arles fi Franza rapport dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa għal good practices tal-proġett. (kopja mehmuża)

04/0347/06 I Fondazzjoni Arka

Direttur Mons. Emanuel Curmi għarrafna dwar il-programm AirTime li sejjer jittella f'April li ġej. Saret talba għal donazzjoni.

04/0358/06 I CIR 5/2006 Dipartiment Gvern Lokali

Din kienet dwar mistoqsija Parlamentari Nr.10930 li ġiet imwieġba.

04/0352/06 I MEPA – permessi maħruġa fil-lokal

| | |
|---|---|
| 02993/05 | Design of roof |
| 05919/05 | Tindif kamra |
| 073331/05 | Stallazjoni ta' lift |
| 04891/05 | Rifjut għall-appuntament |

04/0360/06 I Tieġ fi Ġnien il-Gardjola (3 ta' Awissu, 2006)

Talba mis-Sur Albert Buttiġieġ biex jagħmel tieġ fi Ġnien il-Gardjola. Din it-talba ġiet approvata. Iridu isiru il-kundizzjonijiet u il-permessi meħtieġa mill-Kunsill.

04/0370/06/I Proġett EU Network taż-żgħażagħ (Forum Politik)

Minuti ta' l-Steering Committee Meeting li saret f'Hamm bejn it-tlieta u il-ħamsa ta' Frar 2006 bit-tħejjija għal workshop li sejjer isir fi Bradford f'April 2006

04/0386/06/I Southern Harbour District Joint Committee

Irċevejna kopja tal-ftehim ta' koperazzjoni fi ħdan dan il-kumitat konġunt.

04/0397/06/I Tweġiba mill-Gwardjan Clint Zammit

Is-Sindku qara l-ittra li dan il-Gwardjan Lokali bagħat lill-Kunsill għal ittra il-Kunsill kien kiteb lill-uffiċċjal awtorizzat (kopja mehmuża)

04/0399/06/I Offerta minn Playcraft

Il-kunsill ser jikkonsidra il-possibilita' li jsiru keychains tal-Kunsill bil-kulur (kopja mehmuża)

04/400/06 I Rapport dwar l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali Memo 6/2006

Il-Kunsill rċieva ir-rapport dwar l-allokazzjoni ta' dan il-Kunsill (kopja mehmuża)

04/413/06 I Study Visit EU

Id-dipartiment għal Gvern Lokali bagħat jinforma dwar dawn id-diversi proġetti li il-Kunsill jista' jibbenefika minnhom taħt il-programm Leonardo.

04/416/06 I British High Commission

Andrew Hamilton bagħat jirringrazzjana għal darba oħra u wera ix-xewqa li jerġa jżurna.

04/0457/06 I Skola Erin Seraccino Inglott (Bormla)

Il-Kunsill qabel li jilqa' it-talba ta' l-iskola u joffri ktieb f'jum il-premjazzjoni lill-studenta mill-lokal li qed tattendi din l-iskola.

04/0458/06 I Kumitat Konġunt tat-Toroq (Dawl)

Il-kordinatur tal-kumitat informa li l-Kalkara u ix-Xagħjra mhux sejjrin iġġeddu il-kuntratt li għandhom preżenti.

04/0468/06 I MEPA ECF 00134/06

Sar ksur ta' kontroll ta' ippjanar f'74, Triq il-Vitorja, Isla skond kif mehmuż.

04/0469/06 I AKL Ċirk 18/2006

Ġejna infurmati bil-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċċjazzjoni Dr. Josianne Azzopardi LLD

04/0470/06 I L-Audit Annwali

L-Awditur imqabbad mill-Gvern Ċentrali għal dan il-Kunsill infurmana dwar dawk id-dokumenti li għandhom bżonn bħala preparazzjoni għall-audit 05/06.

04/0472//06 I A + B Water Taxis fil-Kottonera

Infurmawna bil-ftuħ ta' ticketing booth u information centre fin-naħa tal-Birgu li qed jħaddmu water taxis bejn it-tlett ibliet.

04/0479/06 I Talba biex titella opra tal-baħar għat-tiswija

Il-Kunsill approva din it-talba ta' Ivan Grech Mintoff biex jagħmel dan bejn it-8 ta' Marzu u it-30 t'April 2006. Irid jagħmel il-permessi meħtieġa. (kopja mehmuża).

04/0484/06 I Website Avec

Is-Sindku tal-Birgu informa lis-segretarjat ta' l-Avec biex isir koretteza fuq il-preżentazzjoni li ġiet prodotta fuq dan il-website dwar it-tlett ibliet.

04/0491/06/I Talba għall-użu tas-Sala

Il-Kunsill approva l-użu tas-sala biex issir rehearsals għal kompetizzjoni tas-żfin ta' Malta. (kopja mehmuża)

04/0495/06/I Coffee Morning Kunsill Skolastiku (29th March 2006)

Il-Kunsill approva l-użu tas-sala għal dan il-Coffee Morning.

04/0496/06/I Talba mis-Senglea Gunners (9th April 2006)

Il-Kunsill approva it-talba tagħhom biex jiċċelebraw iċ-Championship fl-Isla u għalhekk isiru l-arranġamenti meħtieġa.

## 19 (3) Rapport Konferenza Qualicities/Avec (Evora –Portugall)

Is-Sindku Joseph Casha qara rapport ta' dak li seħħ u diskussjonijiet li saru mid-delegazzjoni tal-Kunsill li ħadet sehem f'dan iż-żewġ konferenzi li saru bejn it23 u it-28 ta' Frar 2006.

19 (3) 1 Id-delegazzjoni kienet iffurmata mis-Sindku Joseph Casha u mis-Segretarju Eżekuttiv.

19 (3) 2 Ingħata wkoll tagħrif ta' l-ispejjez għal din il-partiċipazzjoni. Dawn l-ispejjeż sejjrin jiġu refunded mill-proġett Qualicities.

19 (3) 3 Kopja tar-rapport ta' parteċipazzjoni kif ukoll ta' l-ispejjeż involuti huma mehmuża.

19 (3) 4 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mil-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva nem com dan ir-rapport kif preżentat.

## 19 (4) Adjudicating ta' Tenders

It-tlett kuntratti mressqa kienu dawn:

- Bulky Refuse (BR 04) ġbir ta' skart goff
- Street Sweeping (SCS 04) Tindif ta' Toroq
- Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas (PKG 04)

19 (4) .1 Ġbir ta' Skart Goff (Bulky Refuse) BR 04

Il-Kunsill qabel li mill-erba' offerti mitfugħa (lista mehmuża), dik ta' Joseph Zerafa hija l-aktar waħda vantaġġjuża. Fuq proposta tal-kunsillier Reno Chircop, issekondat mil-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva din l-offerta ta' Joseph Zerafa b'effett mill-1 t'April 2006-03-22

19 (4) 2 Street Cleaning Services (SCS 04

Għal dan il-kuntratt kien hemm żewġ offerti (lista mehmuża). Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-offerta ta' Karl de Flavia bħala l-aktar offerta vantaġġjuża u li tibda b'effett mill-1 t'April 2006.

19 (4) 3 Parks & Gardens (PKG 04)

Għal dan il-kuntratt il-Kunsill irċieva tlett offerti. Qabel ma saret id-diskussjoni fuq din l-offerta is-Sindku Joseph Casha skuża ruħu milli jkun preżenti f'din l-għażla għax iddikjara kunflitt ta' interess. Huwa ħareġ barra mill-laqgħa fejn kompla jippresedi il-Viċl Sindku.

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood il-Kunsill approva l-offerta ta' Żammit Nurseries bħala l-aħjar waħda f'dak li huwa value for money. Dan il-kuntratt jiġl fis-seħħ mill-1 ta' April 2006.

Is-Sindku Joseph Casha daħal lura fil-laqgħa biex ikompli jippresjedi.

## 19 (5) Riżoluzzjonijiet

Is-Sindku Joseph Casha, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressaq riżolużżjoni 1/2006 biex il-Kunsill jieħu sehem fil-proġett edukattiv 'Nitgħallmu Flimkien' dirett għat-tfal ta' bejn il-5 u l-10 snin. (kopja mehmuża).

Għal dan il-proġett il-Kunsill sejjer joħroġ Lm180. Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

## 19 (6) Rapport Awditur Ġenerali 2004/2005 (Memo 7/2006)

Il-kopji ta' dan ir-rapport ġew mqassma lill-Kunsilliera kollha ġranet qabel il-laqgħa.

Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jaqraw sewwa dan ir-rapport speċjalment fejn jirrigwardja il-Kunsill ta' l-Isla u stiedinhom biex fil-laqgħa li ġejja jagħmlu il-kummenti tagħhom.

## 19 (7) Imħażen tal-Maċina

Is-Sindku Joseph Casha xtaq juri id-diżappunt ta' kull Kunsillier u oġġezzjona bil-qawwa kollha għal mod kef qed taġixxi It-Taqsima tal-Propjeta' tal-Gvern taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja li għat-tieni darba ma tax widen u ma xtarrx sewwa it-talba tad-devoluzzjoni tal-Kunsill għal dawn l-imħażen.

Is-Sindku qara l-ittra (kopja mehmuża) li intbagħtet lid-Direttur għal Gvern Lokali.

Is-Sindku qara stqarrija għall-istampa (kopja mehmuża) fejn it-tagħrif dwar dak li ġara fil-għoti ta' dawn l-imħażen biswit il-Maċina fl-Isla.

Il-Kunsill bi ħsiebu jkompli isegwi din il-kwistjoni.

Il-Kunsill qabel u approva l-istqarrija għall-istampa.

## 19 (8) Jum l-Isla

Is-Sindku kien tal-fehma li għal dan il-Jum isiru attivitajiet qosra u ikkonċentrati bl-inqas infiq possibli imma fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw.

Eżempju: Ħarġa għat-tfal
Ħarġa ghall-anzjani
Weekend Break
Żieda ta' kompjuters fil-librerija biex jkun hemm aktar faċilitajiet ta' l-internet.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex sal-laqgħa li jmiss isiru proposti għall-attivitajiet għal Jum l-Isla.

## 19 (9) Xogħol fi Triq San Ġużepp

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li huwa mhux kuntent bix-xogħol li sar kemm f'dik li hija kwalita' u ta' kif sar dan ix-xogħol.

19 (9) 1 Din it-triq kienet stimata li tqum Lm12, 442.54. Pero' jidher li l-ammont ta' xogħol li sar sejjer jkun ferm għoli minħabba li żdiedu xi xogħolijiet oħram inn dawk previsti.

19 (9) 2 Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lill-perit biex il-Kunsill jingħata tifsira fejn u għala l-ispejjeż sejjer ikunu għola minn dak previst.

19 (9) 3 Minn naħa l-oħra il-Kunsill qabel li ma jsirx aktar minn nofs il-ħlas dovut għal din it-triq qabel jiġi iċċertifikat mill-perit il-kwalita' ta' xogħol li sar.

19 (9) 4 Din hija triq li qeda issir permezz tal-ftehim li il-Kunsill għamel ma l-ADT.

## 19 (10) Ħlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva nem com dawn il-ħlasijiet li jammontaw għal LM17,707.88 u Lm2,029.59 (Kopji mehmuża

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fit-8.46pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv